TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: CCT172/24/DS**

**Christopher Paul Ellul Desira**

**Vs**

**Compleet IS Services Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-Talba tar-rikorrenti pprezentat fit-5 ta' Awwissu, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tirrifondieh l-ammont ta' erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro (€479) *stante* illi l-*mobile phone* mixtri mingħandha huwa wieħed difettuż ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fit-13 ta' Settembru, 2024 fejn sostniet illi hija kienet offriet illi tirrifondi l-ammont sħiħ jekk l-attur jieħu l-*mobile phone* ġewwa ċ-ċentru tas-servizz tat-tiswija tal-kumpanija u jiġi kkonstatat, fil-preżenza tal-attur, illi huwa minnu illi l-prodott huwa difettuz pero' l-attur qatt ma effettivament mar iżda fetaħ il-proċeduri odjerni;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti : L-attur xtara mobile phone mingħand is-soċjeta' intimata u wara ċertu żmien beda jirriskontra problemi. Kien hemm problemi illi ssewwew pero' problema rigward il-*fingerprint scanner*, skont l-attur, baqgħet tissussisti.

It-Tribunal ser jillimita ruħhu sabiex jeżamina l-provi rigwardanti l-fingerprint scanner stante illi dak huwa d-difett illi dwaru qiegħed jilmenta l-attur fil-kawża odjerna.

It-Tribunal jiġbed l-attenzjoni għall-email datata 19.06.24 indirizzata lill-attur mingħand Darren Spiteri fejn f'punt minnhom tgħid "*We kindly request that you visit Omega with your phone so we cfana test it together. First, we will reprogram your fingerprint and test the device with you. If we confirm the fault, we will be happy to procedd with an immediate refund.*"

It-Tribunal semgħa x-xhieda tal-partijiet illi minn naħa l-waħda ġie kkonfermat illi s-soċjeta' attriċi kienet lesta tirrifondi l-ammont sħiħ jekk tara illi d-difett verament kien qiegħed jippersisti, pero' dan setgħet tagħmlu biss jekk l-attur jieħu l-mobile fiċ-ċentru tagħha għal verifika, xi ħaġa illi m'għamilx u minn naħa l-oħra l-attur ikkonferma illi huwa ma kienx għamel dan għaliex *"l-esperjenza tiegħi bħala konsumatur hija waħda negattiva għax ġieli għamilt xahar sħiħ mingħajr mobile u ma nixtieqx li nerġa ngħaddi minn dan biex jerġgħu jgħiduli li ma jistgħux isibu kaptu"*.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta. Dan għaliex is-soċjeta' intimata kienet ġustifikata illi ma teffetwax rifużjoni qabel tivverifika illi d-difett fil-fatt kien jissussisti u kien l-attur illi ma hax il-*mobile phone* għal din il-verifika, kif anke huwa kkonferma. Ir-raġunijiet għalfejn huwa m'għamilx dan ma kienux ġustifikati *stante* illi s-soċjeta' attriċi altru li ma kienetx ser iddum biex ittieh il-*mobile phone* lura, għaliex hija proponiet illi l-proċess tal-verifika tagħmlu quddiemu, kif joħroġ biċ-ċar mill-email hawn fuq imsemmija.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**